MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## PHILIP SCIBERRAS

Seduta tal-15 ta' Dicembru, 2004

Citazzjoni Numru. 2642/1996/1

**Elmo Insurance Services Limited in rapprezentanza tas-socjeta` estera Sun Alliance & London Insurance plc, surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurat taghha s-socjeta` Amacol Limited; u b' nota tad-9 ta' Gunju 2004 Elmo Insurance Limited bhala cessjonarja tad-drittijiet u obbligi tas-socjeta` estera Royal & Sun Alliance Insurance plc gja Sun Alliance & London Insurance u kif fuq surrogata, assumiet l-atti tal-kawza fil-vesti ta' attur**

**Vs**

**The Cargo Handling Co. Ltd.**

**Il-Qorti;**

Rat l-Att tac-Citazzjoni pprezentat fit-30 ta’ Awissu 1996 li bih is-socjeta` attrici *nomine* premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni;

Premess illi s-socjeta` Amacol Limited kellha konsenja ta’ hames *full container loads* ta’ prodotti veterinarji ghall-esportazzjoni lejn il-Libja (Dok. 1);

Premess illi fis-16 ta’ Awissu 1995 il-*containers* gew konsenjati bla hsara u f’ kundizzjoni tajba mill-burdnar tas-socjeta` Amacol Limited lis-socjeta` konvenuta biex imbaghad jitghabbew fuq il-bastiment koncernat li kellu jwassalhom sad-destinazzjoni taghhom;

Premess illi fl-4 ta’ Settembru 1995 rapprezentanti tas-socjeta` Amacol Limited sabu li waqt li l-*containers* kienu fil-kustodja tas-socjeta` konvenuta il-kontenut ta’ zewg *containers* rispettivament bin-numri IEAU 214493/1 u SNSU 291018/0 garrab il-hsara;

Premess illi l-merkanzija *de qua* kellha kopertura assigurativa mas-socjeta` attrici, l-istess socjeta` attrici, kif obbligata, ghall-hsarat li garrab l-assigurat, hallset is-somma ta’ tmint elef tliet mija disgha u tletin lira (Lm8389) u ghalhekk giet surrogata fid-drittijiet ta’ l-assigurat taghha;

Premess illi s-socjeta` konvenuta hija responsabbli ghall-hsara fuq riferita;

Talbet ghalhekk is-socjeta` attrici *nomine* lil din l-Onorabbli Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tiddikjara lis-socjeta` konvenuta responsabbli ghall-hsara fuq riferita;

2. Tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lill-socjeta` attrici s-somma ta’ tmint elef tliet mija disgha u tmenin lira (Lm8389) in linea ta’ danni subiti mill-assigurat u surrogati lis-socjeta` attrici bl-interessi legali mid-data

tan-notifika tac-citazzjoni, fic-cirkostanzi u minhabba l-obbligi hawn fuq premessi;

Bl-ispejjez kontra s-socjeta` konvenuta;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess socjeta` attrici, il-lista tax-xhieda minnha indikati u l-elenku tad-dokumenti esebiti ma' l-att tac-citazzjoni;

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta pprezentata fit-3 ta' Gunju 1997, li permezz taghha hija eccepiet:-

1. Illi preliminarjament it-talbiet attrici fil-konfront tas-socjeta` The Cargo Handling Company Limited huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-merkanzija in kwistjoni kienet *stuffed* f' *containers* u liema *containers* kienu sigillati;

2. Illi fit-tieni lok is-socjeta` konvenuta tissolleva li mhix responsabbli ghal kwalunkwe hsarat allegati mis-socjeta` attrici u dana peress li qatt ma setghet tara l-merkanzija kif kienet stivata fil-*containers*;

3. Illi fit-tielet lok u bla pregudizzju ghall-premess is-socjeta` konvenuta The Cargo Handling Company Limited mhix responsabbli stante li qdiet il-funzjonijiet kollha bid-diligenza rikjesta minnhom mil-ligi;

4. Illi fir-raba' lok u bla pregudizzju ghall-premess ghandu jigi esebit il-mod u/jew ic-*cheque* li bih sar il-pagament ta' Lm8389.00,0 lis-socjeta` Amacol Limited;

5. Illi a bazi ta' l-Artikolu 90 u Schedule 13 tal-Port Regulations ta' l-1966, tali merkanzija, l-esponenti jaf li meta tinhazen "*in the open, always at the sole risk of the owner*" u ghalhekk is-socjeta` konvenuta mhux responsabbli. (KF Citaz. Nru. 1365/84 fl-ismijiet Ray Micallef vs Godwin Abela - deciza 15.11.1993, u Reginald Micallef vs Godwin Abela - App. Kumm. 1094/84 - deciza 16.03.1992);

6. Illi wkoll a bazi ta’ l-Artikolu 70 tal-Ports Regulations ta’ l-1966 li jipprovdu *inter alia* li “*in case of unit loads the Director of Ports or his contractor may subject, to the provisions of this regulation give a receipt for the quantity only of unit loads received*”. *Unit load* hija definita fl-Att Nru. IX ta’ l-1973;

7. Illi fis-seba’ lok dwar l-imghax dan mhux dovut anqas stante li s-socjeta` esponenti ma giet interpellata thallas ebda ammont determinat u qatt ma giet surrogata fl-interessi mill-assigurat taghha u dan iktar u iktar meta s-socjeta` esponenti m’ ghandha ebda relazzjoni mas-socjeta` attrici hlief tramite polza;

8. Illi ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu rispinti bl-ispejjez kontra l-attur;

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess socjeta` konvenuta u l-lista tax-xhieda minnha indikati;

Rat l-affidavits ipprezentati mis-socjetajiet kontendenti;

Rat id-digriet tad-9 ta’ Gunju 1998 li permezz tieghu giet nominata l-Assistent Gudizzjarju Dr. Anna Caruana biex tkompli tisma’ l-kontroezamijiet u l-provi li kien fadal;

Rat it-traskrizzjonijiet tax-xhieda moghtija;

Rat in-noti ta’ osservazzjonijiet tas-socjeta` attrici pprezentata fid-9 ta’ Gunju 2004, u dik tas-socjeta` konvenuta pprezentata fil-25 ta’ Ottubru 2004;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkunsidrat:

Il-kontendenti f’ din il-kawza jipprovdu soluzzjoni possibbli, ghalkemm kontrastanti, ta’ kif avverat il-hsara fil-merkanzija li taghha s-socjeta` attrici assiguratrici qed tirreklama r-rizarciment. Hekk mentri fil-versjoni tas-socjeta` attrici id-dannu sehh ghax il-*containers* kontenenti l-merkanzija intlaqtu meta kienu fil-pussess tas-socjeta` konvenuta u taht il-kontroll taghha, ghas-socjeta` konvenuta l-kawza tad-dannu kienet attribwita ghal stivagg hazin tal-merce gewwa l-*container* da parte tas-socjeta` esportatrici assigurata jew tal-burdnar inkarigat minnha;

Opportunement jigi osservat illi l-fatti principali li taw lok ghal din il-kawza kienu dawk hawn riprodotti:-

(1) Is-socjeta` esportatrici Amcol Limited riedet tesporta fil-Libja hames *containers* “*full load*” ta’ prodotti veterinarji konsistenti minn tankijiet tal-plastik b’ dizinfettant u materjal kimiku iehor;

(2) Il-merkanzija gja ppakkjata ghal lest giet stivata fil-*containers* minn Cauchi Transport Services Ltd, burdnara appuntati mis-socjeta` esportatrici. Dan permezz ta’ operazzjoni bl-uzu ta’ *forklift* u *pallitizers*. Ara deposizzjoni ta’ Emanuel Cauchi (fol. 104). Jirrizulta minn provi ohra li x-xoghol kien qieghed fuq *pallets*, “*shrink wrapped*” u msahhah b’ aljetta tal-plastik. Ara *inter alia*, affidavit ta’ Jeffrey Scorey (fol. 35), *claims supervisor* tas-socjeta` assiguratrici attrici. Jinghad ukoll minn dan l-istess xhud li x-xoghol kien jimla l-*container* kollu, jigifieri, “minn *side to side*”. Fl-ispjega li jaghti a fol. 147 “is-sahha tax-xoghol hemm hekk qieghed f’ li jkollok is-*sides* it-tnejn mimlijin cioe` mimli minn *side to side* ... dan kif titlob is-sengha wkoll. Nispjega li dan ix-xoghol ma kienx *loose*, hafna minnu kien *palletised* u *shrink wrapped* u dan il-fatt ikompli jaghti sahha lix-xoghol.”;

(3) Il-*containers* gew issigillati mid-Dwana u mbaghad ingarru mill-burdnar f’ Laboratory Wharf. Ix-

xhud Emanuel Cauchi jispjega l-process ta' l-iskarikar tal-containers fl-area fejn xoghol bhal dan ikun destinat ghall-esportazzjoni. Ara xhieda tieghu a fol. 106. Dan jghid ukoll illi l-*containers* thallew fl-art fuq il-moll, (fol. 124). Jippreciza pero` illi meta rega' acceda fuq il-post wara l-event kien osserva illi fuq il-*containers* tqeghdu *containers* ohra u, inoltre, li kien hemm barxa jew girfa ta' madwar pied fil-wicc tal-moll b' mod li *container* minnhom kien jidher daqsxejn milqut (fol. 125);

(4) Jirrizulta li l-*containers* twasslu f' Lab Wharf fis-16 ta' Awissu 1995 u fl-4 ta' Settembru 1995 gie notat oskular ta' likwidu minn Joe Sammut tal-Maritime Authority li ghadda biex informa b' dan lis-socjeta` konvenuta;

(5) Fl-investigazzjoni kondotta rrizulta li fil-fatt kienu tnejn il-*containers* li minnhom kien hiereg likwidu. Dawn iz-zewg *containers* kienu fuq xulxin. Ara Affidavit ta' Jeffrey Scorey (fol. 35). Skond Ray Vella, impjegat tas-socjeta` esportatrici, meta nfethu l-*containers* instab li l-palletti kienu imgennba u ma baqghux f' posizzjoni vertikali kif stivati. Dan gab li l-kaxxi ta' taht kienu ppressati u ghalhekk bdiet toskula s-sustanza minnhom. Ara deposizzjoni tieghu in kontro-ezami a fol. 114;

(6) Skond il-konstatazzjoni ta' Jeffrey Scorey, u dan in partikulari tal-*container* li kellu l-aktar hsarat fil-merkanzija ta' go fih, il-*container* bilfors qala' daqqa l-isfel u dan gab biex ix-xoghol tilef il-posizzjoni originali tieghu u ceda (fol. 148). Huwa eskluda li seta' kien hemm cediment tax-xoghol min-natura ta' l-istivar tieghu (fol. 149);

(7) Ghal kuntrarju, skond Joseph Piccinino, *Quay Superintendent* tas-socjeta` konvenuta, il-kawza tal-kollass tax-xoghol kienet dovuta ghal stivar hazin tal-kontenut fil-*containers* jew dovut ghas-shana tax-xemx. Ara affidavit tieghu a fol. 26. Hekk isostni wkoll Albert Mifsud, *senior shed clerk* ta' l-istess Cargo Handling (fol. 29);

Premessi dawn il-fatti, huwa, fil-hsieb ta’ din il-Qorti, ta’ vitali importanza li tigi registrata din l-osservazzjoni emanenti mix-xhieda ta’ Joseph Piccinino u minnu moghtija in kontro-ezami. Proprju minnha jistghu jigu spigolati dawn l-aspetti:-

I. Meta l-*containers* jiddahhlu mil-*gate* mhares mid-Dwana u l-Maritime Authority dawn jghaddu taht ir-responsabilita` tal-Cargo Handling;
II. Din is-socjeta` ma tirregistrax id-dhul tal-*containers* in kwantu ma jkun hemm ebda rapprezentant taghha biex jircevihom. Dan anke ghaliex ma jezistix dokument *Gate Pass In*;
III. Jilmenta mbaghad li l-*containers* jiddahhlu bla kontroll ta’ xejn min-naha tas-socjeta` konvenuta li lanqas biss tigi avzata, kif hekk gara fil-kaz tal-*containers de quo.* Inoltre huma ma jinghataw ebda dokument mid-Dwana;
IV. L-istess xhud jghid ukoll illi, ghalkemm rarament, gieli ccaqalqu xi *containers* minn posthom, u anke tqeghdu *containers* fuq xulxin. Kwantu ghal hatt taghhom imbaghad is-socjeta` konvenuta ma kienetx izzomm *records* jekk intuzax apparat taghha fl-operazzjoni ta’ dan il-hatt, kif hekk ukoll ma jkollhiex *record* jekk il-*containers* jigu ixxiftjati;

Huwa dezumibbli bosta minn dan ir-rakkont ta’ l-imsemmi xhud illi filwaqt li s-socjeta` konvenuta, bhala operatur portwali, tikkonoxxi l-fatt tar-responsabilita` taghha tal-area fil-port fejn jigu mahzuna l-*containers*, imbaghad tonqos b’ mod gravi li tadempixxi sewwa din l-istess responsabilita` billi tindokra u thares kif jixraq il-merkanzija lilha affidata mit-terzi jew li taghha, *ope legis*, kienet depozitarja. Hu bil-wisq ovvju li hi ma kellha kontroll ta’ xejn, la ta’ x’ dahal fil-Lab Wharf, la ta’ kif u fejn tqeghdu. Dan certament kuntrarju ghal dak l-obbligu legali li jrid li “id-depozitarju ghandu, fil-kustodja tal-haga taht depozistu, jiehu hsieb daqs kemm jiehu fil-kustodja ta’ hwejgu” (Artikolu 1899, Kodici Civili). Principju dan li hu applikat b’ rigur akbar meta hemm miftiehem il-hlas ghall-

kustodja tal-haga depozitata (Artikolu 1900, Kodici Civili; **Kollez. Vol. XXIX P I p 1422**);

Indubbjament, taht il-profil tal-konservazzjoni materjali tal-haga fdata u tal-harsien tal-valur ekonomiku taghha, id-depozitarju ghandu fit-twettiq ta' attivita` specifika minnu mistennija jadotta kawteli idonei biex jissalvagwardja l-interessi tad-depozitant. Jekk hu jonqos minn dmir bhal dan huwa ma jistax imbaghad jilmenta minn nuqqasijiet ta' kif isiru l-affarijiet fil-port, u li ghad-depozitant huma *res inter alios acta*. Ghall-kuntrarju huwa ghandu jbati l-konsegwenzi ta' l-ommissjonijiet tieghu u jibqa' allura "responsabbli tat-telf jew hsara li dan in-nuqqas igib lil sid il-haga depozitata jew lil min kien iddepozitahom" (**Kollez. Vol. XXIX P I p 1224**);

Lanqas ma tista', imbaghad, l-istess socjeta` konvenuta, *qua* depozitarja, tistahba wara r-regolamenti portwali ta' ezoneru nvokati minnha f' uhud mill-eccezzjonijiet taghha. Hi ormai gurisprudenza pacifika illi dawn ir-regolamenti ma jistghux iservu ghas-socjeta` konvenuta, u jigri x' jigri, bhala xi certifikat ta' immunita` minn kull addebitu ta' htija jew li jitqiesu indipendentement minn kull konsiderazzjoni ohra tal-principju generali tad-dritt, senjatament l-obbligu tad-depozitarju hawn fuq kummentat. Dawk l-istess regolamenti gew indagati bosta drabi mill-Qrati taghna fid-diversi aspetti taghhom u jkun bizzejjed li ssir semplici riferenza ghal dik il-gurisprudenza li ttrattathom u approfondithom. (Ara b' ezemplari "**Leslie Causon *nomine* -vs- Godwin Abela *nomine***", Appell, 6 ta' Ottubru 2000.) Gurisprudenza din li nettament sostniet illi s-socjeta` konvenuta tibqa' in principju responsabbli, bhal kull depozitarju, ghall-merkanzija fdata f' idejha u kellha allura tirrispondi ghall-hsarat fejn dawn setghu jigu addebitati ghal xi nuqqas taghha. Ara "**Avv. Dr. Philip Manduca *nomine* -vs- Godwin Abela *et nomine***", Appell, 6 ta' Ottubru 1999. Dan ghaliex, kif gie ritenut ukoll, "klawsola ta' ezoneru ma kienx ikollha l-valur li tezonera lid-debitur mid-dolo u l-culpa gravi, ekwiparata mad-dolo, u mill-colpa ljevi li tigi riskontrata meta jkun

hemm ommissjoni ta’ dak il-grad normali ta’ diligenza li l-ligi tirrikjedi fl-esekuzzjoni ta’ kull obbligazzjoni in genere” - “**Avv. Peter Borg Costanzi *nomine* -vs- Sullivan Maritime Limited *et***”, Appell, 6 ta’ Ottubru 1999;

Skartati dawn l-eccezzjonijiet, mill-kumpless tal-provi huwa car illi kien hemm il-possibilita` kbira li l-hsarat prospettati javveraw ruhhom, u dan bil-mod sottomess mis-socjeta` attrici. Din il-Qorti ma tistax, minghajr l-konfort ta’ accertamenti attendibbli, taccetta t-tezi tas-socjeta` konvenuta illi l-event dannuz kien dovut ghal stivagg hazin jew ghall-elementi tax-xemx. Din l-ahhar possibilita` hi certament eskluza, anke ghal min hu teknikament profan, fuq il-bazi ta’ l-argoment illi l-hsara kienet ristretta ghal tnejn biss mill-hames *containers*. Wiehed logikament jifhem illi jekk il-kawza kienet il-qilla tax-xemx din kienet tkun distribwita fuq il-*containers* kollha u mhux fuq tnejn minnhom. Dan *multo magis*, imbaghad, meta dawk l-istess *containers* baqghu zgur stivati fuq il-moll mis-16 ta’ Awissu 1995 sat-23 ta’ Settembru 1995, data li fiha gew karikati fuq il-vapur. L-asserzjoni tas-socjeta` konvenuta kontenuta fin-Nota taghha f’ dan il-kuntest ma tistax hlief titqies wahda gratuwita ghall-ahhar. Kwantu ghall-allegat stivagg hazin tal-merce fil-*containers*, l-iskossaturi, li dwarhom tirreferi s-socjeta` konvenuta fin-Nota taghha, ma jidherx li ssuccedew fil-fazi ta’ l-iskarikar tal-*containers* mill-burdnar ghal fuq il-moll, izda pjuttost meta dawn kienu gja ilhom ghal xi granet fuq il-moll. Skossaturi li setghu sehhu bil-mod spjegat mix-xhieda Emanuel Cauchi u Jeffrey Scorey u allura meta l-*containers* kienu fil-kustodja u kura tas-socjeta` konvenuta;

Kif maghruf, huwa d-danneggjat li jrid jipprova l-att illecitu u dan fil-komponenti kollha tieghu. Fil-fehma konsiderata ta’ din il-Qorti jezistu mir-rizultanzi istruttorji tal-fattispeci elementi sufficcjenti biex jorbtu l-kondotta kolpuza tas-socjeta` konvenuta u l-event dannuz. Dan ghal fini li jigi stabbilit jekk il-fatt kienx objettivament u konkretament idoneu biex jipproduci tali event. Dan in-*nexus* is-socjeta`

attrici rnexxielha taghmlu b' mod li, fil-hsieb tal-Qorti, ghandu jitqies sodisfacenti. Valutata l-kondotta tas-socjeta` konvenuta, kemm fuq il-bazi tal-gudizzju *ex post*, hekk kondizzjoni indispensabbli tal-verifikar ta' l-event dannuz, kemm fuq il-konsiderazzjoni tal-previzjoni *ex ante* ta' l-event, ma tistax tigi kondiviza d-difiza tas-socjeta` konvenuta epressa f' eccezzjoni ohra taghha illi hi qdiet il-funzjonijiet kollha bid-diligenza rikjesta minnha mil-ligi. Tabilhaqq l-oppost hu l-kaz in kwantu irrizulta b' mod manifest illi hi naqset li thares il-merkanzija fdata lilha "*uti bonus paterfamilias*" bil-konsegwenza li ghandha taghmel tajjeb ghad-danni. Danni dawn li l-kwantum taghhom ma gie bl-ebda mod kontestat fil-kors tal-kompilazzjoni tal-provi.Ghal dawn il-motivi;

Taqta' u tiddeciedi l-kawza billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet kollha tas-socjeta` konvenuta, takkolji l-ewwel domanda attrici u b' hekk tiddikjara li s-socjeta` konvenuta hi fi htija ghall-event dannuz. Konsegwentement tilqa' t-tieni domanda billi tikkundanna lill-istess socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' tmint elef tliet mija u disgha u tmenin lira Maltija (Lm8389) in linea ta' danni kif mitlub, bl-interessi legali mid-data tan-notifika tac-citazzjoni (19 ta' Mejju 1997).L-ispejjez gudizzjarji jitbatew mis-socjeta` konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------